# Id-Dawl l-Abjad

Anita Busuttil

Magħmula minn Luca Zammit

# Kotba oħra li kitbet l-awtriċi:









# Kapitlu 1:

**F'dan il kapitlu niltaqgħu ma' Rachel. Rachel kellha eżami dak il-jum. Il-problema tagħha kienet li ma kinitx studjat.  Rachel ma kinitx taf x'se tagħmel. Fl-aħħar iddeċidiet li tikkopja minn ta' ħdejha. Wara naqra ħin ħassitha komda tikkopja. Imma fl-aħħar għajtitilha l-għalliema. L-għalliema kellmitha naqra u qaltilha li fl-eżami ħa tieħu żero u bagħtitha lura fuq il-bank tagħha.**

# Kapitlu 2:

**Wara l-lezzjoni Rachel marret fl-uffiċċju tas-Surmast. Is-Surmast u l-għalliema ta' Rachel qatt ma stennew xi ħaġa hekk minn Rachel.Dan għaliex hi min dejjem tal-ewwel kienet u x-xogħol tad-dar dejjem pulit kien. Rachel stess ma setgħetx tifhem x'kien ġralha. Forsi kellha problema d-dar jew l-iskola? Min jaf? Is-Surmast ċempel lil omm Rachel u lil missierha imma ma qabad l-ebda wieħed minnhom, ħlief lil ħuha. Is-Surmast qallu li ried ikellem lil ommu. Wara li qata' t-telefown, mar bilqiegħda u qal lil Rachel biex toqgħod bilqiegħda wkoll. Huwa beda jikteb xi ħaġa. Rachel ħarset lejh. Kien jidher stramb. Rasu kienet ovali bil-geddum ġej għal ponta. Għajnejh ukoll kienu strambi għax kienu kbar iżżejjed u anke xagħru deher falz,kien qisu kellu parrokka.**

# Kapitlu 2 ikompli:

**F’daqqa waħda bdiet tara dawl abjad fil-bogħod. Minn dan id-dawl abjad ħarġet id u din l-id bdiet tiġbidha għal ġod-dawl l-abjad. U minn ġod-dawl l-abjad bdiet tisma’ isimha. Bdiet tħossha stramba. Qisha kienet fid-dinja tal-ħolm.**

***“Rachel! Rachel!”***

***Id-dawl***

***l-abjad x'inhu?***

***Min kien qed***

***jgħajjat isem Rachel?***

# Kif ser tkun taf?

1. QUM MINN  HEMM !
2. INŻEL IL-LIBRERIJA !
3. TKUNX GĦAŻŻIEN!
4. STAQSIHOM GĦALL-KTIEB!
5. MUR ID-DAR U AQRAH!

# ĦA NARA KEMM KONTU ATTENTI

Ras is-surmast kif kienet?

Kif kien geddumu?

Għajnejh kif kienu?

Xagħru kif deher?

# Grazzi Ħafna



